## 20 ta' Mejju, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Paul Debono *versus* Thomas Agius Delicata *

## Spoll — Mandat — Dota — Mara — Separazzjoni Personali — Art. 572 (1), 1959 (1), 1292, 1303, 1304, u 1282 (1) tal-Kodiċi Ċivili

*L-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur li kkommettieh, għaliex hija fondata fuq id-delitt li jkun sar kontra l-ispoljat, u għalhekk hija essenzjalment personali. Dana, però, ma jfisserx illi l-mandant ma jkunx suġġett għal din l-azzjoni; imma jfisser li l-mandatarju ma jiġix meħlus, meta jirrikorri fih l-element intenzjonali.*

*Il-mandat għandu jkollu bħala skop ħaġa leċita, li l-mandant seta' jagħmel huwa nnifsu. U billi l-beni dotali huma legalment fil-pussess tar-raġel, li għandu fuqhom il-poteri kollha rikonoxxuti mill-liġi lill-użufruttwarju, u ħadd ħlief l-awtorità ġudizzjarja, fil-każi previsti mill-liġi, ma jista' jindaħallu u jipprivah minnhom, il-mara ma tistgħax tikkonferixxi lil terza persuna l-inkariku li jġorr dawk il-beni tagħha mill-poter tar-raġel kontra l-volontà u ad insaputa tiegħu, u hekk jipprivah mid-drittijiet li hu għandu fuqhom skond il-liġi. Il-mara hija persuna inkapaċi biex tneħħi dawk il-beni minn taħt il-poter ta' żewġha, u kwindi hija inkapaċi li tinkarika lil ħadd ieħor jagħmel dan f'isimha.*

*Il-mandatarju li hekk jaġixxi b'inkariku ta' dik il-mara lanqas jista' jsostni li l-azzjoni ta' spoll hija diretta ħażin kontra tiegħu; għax legalment l-ispoll ikkommettieh hu.*

---

* Deċiża fl-Appell fit-30 ta' Settembru, 1955.

*Lanqas tiswa' l-allegazzjoni li bejn ir-raġel u l-mara hemm pendenti proċeduri ta' separazzjoni personali, li fihom il-mara qegħedha titlob kontra żewġha r-restituzzjoni tad-dota tagħha; għax dawk il-proċeduri ma jipprivawx lir-raġel, bħala kap tal-familja, mill-poter li jamministra u jieħu ħsieb id-dota lilu affidata fl-okkażjoni taż-żwieġ; salv kull dritt li jista' jkollha l-mara kontra żewġha biex tikkawtela l-pretensjoni tagħha għar-restituzzjoni tad-dota bil-modi preskritti mill-liġi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji u opportuni, billi dawn l-aħħar xahrejn, u preċiżament ċirka ħmistax il-ġurnata ilu, l-attur ġie, bi vjolenza u bil-moħbi, imnażża' mill-konvenut mill-pussess tal-għamara u effetti mobili oħra, kompriżi librett tal-Malta Government Savings Bank f'isem l-istess attur, li jġib in-numru 308, għall-ammont ta' kważi £300, u liċenza tas-sewqan f'isem l-istess attur, kif dettaljatament deskritti fl-annessa nota markata dokument "A"; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti li jerġa' jqiegħed lill-attur fil-pussess tal-għamara u effetti oħra mobili deskritti fil-prodotta nota markata dokument "A", u dana fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tipprefiġġilu din il-Qorti; u dana għat-tenur ta' l-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23) u ta' l-art. 794 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15). Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid maħruġ fil-21 ta' Diċembru, 1954, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) illi l-azzjoni kif dedotta mhix sostenibbli kontra l-eċċipjent, billi huwa aġixxa għan-nom tal-mara ta' l-attur, li effettivament il-lum qegħdha tippossjedi l-oġġetti in kwistjoni, li in gran parti huma dotali; (2) illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni, lill-attur bħala kap tal-komunjoni u amministratur tad-dota kienet tikkompeti azzjoni oħra kontra martu għar-rkupru ta' l-imsemmija oġġetti, u mhux dik ta' spoll, għaliex daqs-kemm għandu dritt jużahom l-attur tant għandha wkoll id-dritt li tagħmel martu; u (3) li bejn l-attur u martu hemm ġa inizjati proċeduri ta' separazzjoni personali, fejn din sejra titlob ir-restituzzjoni tad-dota;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenut jippretendi li l-azzjoni tinsab mal diretta kontra tiegħu, tant l-għaliex huwa ġarr il-mobbli in kwistjoni bħala mandatarju ta' Edith Debono, il-mara ta' l-attur, kemm għaliex l-oġġetti jinsabu attwalment fil-pussess ta' l-istess Edith Debono;

Illi, kwantu għat-tieni motiv, irriżulta illi Edith Debono tinsab rikoverata fid-dar tal-konvenut, u l-oġġetti in kwistjoni għadhom jinsabu f'dik id-dar, u konsegwentement jagħmel minnhom l-istess konvenut;

Illi, rigward l-ewwel motiv, skond l-art. 572(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur li jkun ikkommettieh, għaliex hija fondata fuq id-delitt li jkun sar kontra l-ispoljat, u għalhekk hija essenzjalment personali. Dana ma jfisserx li l-mandanti ma jkunx suġġett għal din l-azzjoni; iżda b'dan ma jiġix meħlus il-mandatarju meta jirrikorri fih l-element intenzjonali. Jgħid Belfiore: "L'azione di reintegrazione compete contro l'autore dello spoglio, ed in genere contro coloro che hanno concorso al medesimo, e tanto contro l'autore materiale che contro colui per ordine e mandato del quale lo spoglio è stato consumato ...... Quindi è tenuto, concorrendo l'elemento intenzionale, anche chi ha semplicemente commesso il fatto per altri, senza che possa sottrarsi alla responsabilità ed all'azione di spoglio per l'intervento in causa del mandante" (Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), para. 67);

Illi mhux kontestat li t-trasport ta' l-oġġetti sar mill-konvenut, u li dan kien jaf li l-attur, minn ftit ġranet qabel, kien ġa pprepara ħwejġu biex jitlaq mid-dar ta' l-istess konvenut (fejn kien mar joqgħod għal ftit żmien), biex jirritorna fid-dar tiegħu proprja mnejn inġarrew l-oġġetti. B'danakollu l-konvenut ma avżax lill-attur li kien sejjer iġorrhom, u kollox għamel kontra l-preżumibbli u ċara volontà ta' l-attur. Minn dan jidher li l-konvenut ma kienx "in buona fede", u li fih kien jirrikorri l-element intenzjonali meħtieġ, li, skond l-imsemmi Belfiore, jikkonsisti filli

"il fatto sia diretto contro l'altrui possesso per sostituirvi il proprio a quello d'altrui" (op. e. loc. ċit.);

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-konvenut għamel ħaġa li l-mandanti tiegħu kellha d-dritt kollu li tagħmel personalment. Difatti, jekk huwa veru li l-mandat għandu jkollu bħala skop ħaġa leċita li l-mandanti seta' jagħmel huwa nnifsu (art. 1959(1) Kod. Ċiv.), huwa veru wkoll li l-oġġetti in kwistjoni, anki jekk kollha dotali, kienu legalment fil-pussess esklużiv ta' l-attur (ara. art. 1292 u 1303 Kod. ċit.), u fuqhom huwa kellu l-poteri kollha rikonoxxuti mill-liġi lill-użufruttwarju (arg. art. 1304 kod. ċit.). Dawna l-poteri ġew lilu mogħtija bħala r-raġel u l-kap tal-familja, u ħadd, ħlief l-awtorità ġudizzjarja fil-każi previsti mill-liġi, ma jista' jindaħallu u *jipprivaħ minnhom* (arg. art. 1282(1) Kod. ċit.). Għalhekk Edith Debono, bħala martu, ma setgħetx tikkonterixxi ebda mandat lill-konvenut li jġorr l-oġġetti in kwistjoni, u b'hekk tippriva lill-żewġha mid-drittijiet li kellu fuqhom skond il-liġi; hija, konsegwentement, kienet inkapaċi legalment; u kif jinnota Laurent, "se la donna è dichiarata incapace, egli è perchè il marito veglia ai suoi interessi ed a quelli della famiglia, esaminando ogni atto che la moglie è nel caso di fare prima di dare la sua autorizzazzione; bisogna dunque impedire alla moglie di fare per via di procura quanto essa è incapace di fare personalmente" (Diritto Civile, XXVII, para. 396). Kien għalhekk li fil-ġurisprudenza tagħna ġie ritenut illi r-raġel, fil-kors taż-żwieġ, ma jistax ikun obligat irodd id-dota lill-martu, ħlief b'kundanna esplicita u formali f'*kawża ta' separazzjoni personali minħabba* ħtija ta' l-istess raġel (arg. art. 58 Kod. Ċiv.; Kollez. Vol. XXVII-I-66);

Illi, fit-tieni lok, il-konvenut issottometta illi l-attur kien imissu jaġixxi kontra martu, u mhux kontra tiegħu, għaliex hija kienet u baqgħet il-proprjetarja ta' l-oġġetti dotali. Imma, għar-raġunijiet ġa fuq esposti, l-azzjoni hija diretta tajjeb kontra l-konvenut, bħala dak li legalment ikkommetta l-ispoll u għadu jinsab fil-pussess ta' l-oġġetti in kwistjoni;

Illi ugwalment insostenibbli hija t-tielet eċċezzjoni talkonvenut; għaliex il-fatt biss li hemm pendenti bejn l-attur

u martu proċeduri għas-separazzjoni personali ma jipprivax lill-attur, bħala kap tal-familja, mill-poter li jamministra u jieħu ħsieb id-dota lilu affidata fl-okkażjoni taż-żwieġ (Kollez. XXVII-III-368); salv kull dritt li jista' jkollha l-mara kontra żewġha li tikkawtela l-pretensjoni tagħha għar-restituzzjoni tad-dota bil-modi preskritti mill-liġi;

Illi, eliminati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jissostanzja l-elementi kollha rikjesti għall-azzjoni ta' spoll. Difatti, barra mir-rekwiżiti tal-pussess eżistenti fl-attur u ta' l-ispoll li sar okkultament u kontra l-volontà tiegħu, anki l-element taż-żmien ġie sostanzjat. Difatti, mhux kontrastat li t-trasport ta' l-oġġetti mill-konvenut sar fis-6 ta' Diċembru, 1954, u ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet preżentata fil-21 ta' l-istess xahar;

Illi, rigward l-oġġetti li ġew trasportati, l-attur speċifikahom fil-lista fol. 4 u 5 tal-proċess; u għalkemm il-konvenut ma għamel ebda riljev dwar dik il-lista, irriżulta mixxhieda ta' Edith Debono (fol. 23 tergo) li l-ktieb tad-depożitu fil-Malta Government Savings Bank f'isem żewġha kienet ħadithu magħha flimkien mad-deheb meta hija u l-attur marru joqgħodu mal-konvenut, u għalhekk ma setgħux kienu ġew trasportati mill-konvenut dak inhar li ġie kommess l-ispoll; u għalhekk l-attur ma jistax jitlobhom lura f'dan il-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi;

Prevju riġett ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Tilqa' t-talba ta' l-attur, ad esklużjoni però tal-librett fil-Malta Government Savings Bank li jġib in-numru 308 għall-ammont ta' kważi £300 u ta' l-"engagement ring", u tikkundanna lill-konvenut biex fi żmien tmien tijiem mil-lum jerġa' jqiegħed l-oġġetti l-oħra deskritti fil-lista fol. 4 u 5 tal-proċess fil-pussess ta' l-attur għall-finijiet kollha tal-liġi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.